Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

Transport Malta



# L-Avventuri ta' Emilja

## Festa ta' kuluri u nar man-nanna Lina



"Illum se mmorru l-Belt naraw spettaklu sabiħ tan-nar!" qaltli n-nanna Lina. "U se mmorru bil-karozza tal-linja, b'xejn! Taf li Tallinja żiedet 400 vjaġġ ġdid kuljum biex in-nies jaslu aħjar u aktar malajr?"

Tlaqna flimkien lejn il-waqfa, u n-nanna wrietni fuq il-mowbajl tagħha fejn kienet waslet il-karozza. Rajt ukoll rotot oħra li setgħu jwassluna! Kemm hi ta' għajnuna din l-app!



Poġġejna ħdejn it-tieqa u ħarist lejn il-baħar ileqq, id-dgħajjes jgħumu bil-mod u l-pajsaġġ sabiħ tagħna. "Kemm hu sabiħ tivvjaġġa hekk!" għedt b'għajnejja jixegħlu.

Il-Belt kien hemm ħafna tfal u familji. Meta beda n-nar għajjatt bi ħġari!

BUMM! 💥 Dawl blu, aħmar, aħdar... bħall-fjuri fil-ġnien tan-nanna, imma fis-sema b'ħafna kuluri imħalltin f'xulxin!



"Nies bravi u speċjali jagħmlu dan ix-xogħol," qaltli n-nanna, "u jagħmluh b'passjoni u b'ħafna dedikazzjoni."

Fuq il-karozza tal-linja lura d-dar ħsibt għal ftit: 'Illum mhux biss rajt nar sabiħ imma tgħallimt kemm hu importanti nieħdu ħsieb l-ambjent... u kemm jista' jkun ta' gost li nivvjaġġaw b'mod intelliġenti!'

U jien? Lesta għar-rotta li jmiss!